10 ta' Jannar, 1950
Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
Lewis Camilleri *versus* Spiridione Mizzi ne.

**Senserija — Prossenetiku — Lokazzjoni d'Opera.**

*Biex persuna tkun intitolata titlob senserija, jew prossenetiku, jeħtieġ, fost affarijiet oħra, li l-intromissjoni tagħha tkun ġiet rikjesta, jew almenu aċċettata, sija pure taċitament, miż-żewġ kontraenti; jiġifieri hemm bżonn li l-partijiet ikunu nkarikaw, jew almenu aċċettaw, is-sensal bħala tali.*

*Meta ma jirrikorrux l-elementi tas-senserija, allura l-persuna li tkun intromettiet ruħha b'inkariku ta' waħda mill-partijiet, tista' jkollha jedd għal kumpens bħala lokatriċi d'opera.*

*Għaldaqstant ma jistax ikun hemm lok la għal senserija u lanqas għal kumpens bħala mandatarju retribwibili, meta ma jkunx hemm inkariku jew aċċettazzjoni tas-serviġi.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta li l-konvenut, bil-medjazzjoni tiegħu, biegħ lil Ugo Sant Fournier, bil-prezz ta' £10,200, shares fil-Malta Steamship Co. Ltd., u talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallsu £51 għassehem tas-senserija, ċjoè nofs fil-mija, dovut mill-konvenut venditur. Bl-interessi kummerċjali mill-14 ta' Settembru 1948 u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-14 ta' Settembru 1948 u tat-22 ta' Settembru 1949, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi biex persuna tkun intitolata li titlob dritt ta' senserija, ossija prossenetiku, jinħtieġ, fost affarijiet oħra, illi l-intromissjoni tagħha tkun ġiet rikjesta, jew almenu aċċettata, sija pure taċitament, miż-żewġ kontraenti (ara Appell "Ciantar vs. Demarco", 12 ta' Diċembru 1919); u għalhekk appuntu l-Azuni, fil-ktieb tiegħu antik "Dizionario Universale Ragionato della Giurisprudenza Mercantile", publikat f'Nizza fl-1788, taħt in-nomenklatura "Sensale" (para. III), qal:— "L'ufficio del sensale è simile a quello d'un procuratore costituito, d'un commesso, od altro preposto, colla differenza però che, essendo egli impiegato da persone aventi opposti interessi, resta come commesso di ciascuna di esse per negoziare o conchiudere il contratto". Dan vwoldiri li, sabiex ikun hemm

dritt għas-senserija, hemm bżonn li l-partijiet ikunu nkarikaw, jew almenu aċċettaw, is-sensal bħala tali;

Illi meta ma jirrikorrux l-elementi tas-senserija, allura l-persuna li tkun intromettiet ruħha b'inkariku ta' waħda mill-partijiet, tista' jkollha jedd għal kumpens bħala lokatriċi d'opera;

Illi għalhekk, tant fil-każ wieħed ta' senserija proprjament hekk imsejħa, kemm fil-każ l-ieħor ta' kumpens għal serviġi, jinħtieġ l-inkariku tal-partijiet fl-ewwel każ, u ta' parti waħda almenu fit-tieni każ. Minn dan hu ċar li ma jistax ikun hemm lok la għal senserija u lanqas għal kumpens bħala mandatarju retribwibili, meta ma jkunx hemm l-ebda inkariku jew aċċettazzjoni tas-serviġi. Ma tistax għalhekk persuna, biex toħloq dritt għal senserija jew għal kumpens, jekk issir taf b'xi negozju proġettat bejn ħaddieħor, tkellem, sija pure ripetutament, lill-interessat jew lill-interessati, "marte proprio", bla ebda nkariku tal-wieħed jew ta' l-ieħor, u, mingħajr ma' dawn ikunu wrew b'xi mod li jridu jisservew bl-opra tagħha biex l-affari jiġi konkjuż, tibqa' tinteressa ruħha minn jeddha. Kwalunkwe inġerenza jew interessament simili tagħha minn jeddha, bla inkariku jew annuwenza tal-partijiet, meta dawn ikunu ttrattaw l-affari direttament bejniethom, bla ma sservew bl-opra ta' dik il-persuna, ma tintitolaha għal xejn;

**Ikkunsidrat**;

Illi dan huwa preċiżament il-każ preżenti. Il-provi kollha (ħlief dik ta' l-attur) juru illi l-attur ma kienx bl-ebda mod la inkarikat u lanqas aċċettat mill-konvenut bħala medjatur. L-affari ġie konkjuż direttament, bla ma ġie qatt rikjest jew b'xi mod sanzjonat l-intervent ta' l-attur. Anzi kien hemm epoka li fiha l-attur iddisswada lill-konvenut milli jbiegħ ix-shares in kwistjoni. Il-konvenut kien ikellem lill-attur dwar dawn ix-shares, u kien infurmah li kien sejjer jiddisponi mix-shares li kellu, għar-raġuni li l-attur kien direttur tal-Malta Steamship Co. Ltd. u l-konvenut kellu l-interess, meta ma baqax direttur, li jżomm ruħu nfurmat dwar l-andament ta' l-affarijiet tal-Kumpannija biex fil-mument opportun, jekk ikun il-każ, jiddisponi vantaġġjożament mix-shares li kellu f'dik il-Kumpannija. Qatt ma kien hemm ebda ċirkustanza li minnha

wieħed jista' lontanament jiddeżumi illi l-konvenut aċċetta lill-attur bħala sensal fl-operazzjoni, jew inkarikah biha;

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeċidi;

Billi tirrespinġi t-talba, bl-ispejjeż kontra l-attur.